MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 1214/2007

Kummissarju tat-Taxxi Interni
vs
Michael Pisani personalment u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Macmar Co. Ltd.

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Michael Pisani personalment u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Macmar Co Ltd li bih espona:

Illi r-rikorrent gie notifikat b'ittra ufficjali fuq msemmija prezentata mill-intimat, li kopja taghha giet annessa mar-rikors.

Illi skond l-istess ittra u d-dokumenti annessi maghha jinghad li r-rikorrent gie notifikat bl-avvizi tas-17 ta' Lulju 2007 li wkoll gew annessi mar-rikors, li ntbaghtu t-tnejn li

huma ai termini ta’ l-Artikolu 44(1)(a) tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi bis-sahha ta’ l-ittra ufficjali fuq imsemmija qieghed jinghad illi r-rikorrent fost ohrajn ghandu jaghti s-segwenti somom ghas-sewgenti snin u cioe`:

Lm877 ghas-sena 1987;
Lm2,125 ghas-sena 1988;
Lm2,125 ghas-sena 1988;
Lm1 ghal kull sena mill-1990 sa l-1996- b’kollox Lm5,134;

Illi r-rikorrent ihossu aggravat min-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali u jinsisti, kif diga` ghamel permezz ta’ ittra responsiva ufficjali, li hu ma ghandu jaghti xejn minn dawn l-ammonti ghal ragunijiet validi fil-ligi;

Illi fost ohrajn irid jibda biex jinghad illi fl-ewwel lok Michael Pisani personalment m’ghandu x’jaqsam xejn ma’ dawn il-kontijiet, u ghalhekk ghandu jigi dikjarat li hu m’ghandu ebda konnessjoni mal-hlas taghhom;

Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent kemm fil-vesti personali kif ukoll dik rapprezentattiva ghas-socjeta` fuq imsemmija, ma jirrizultax li huwa gie notifikat bl-avvizi tas-17 ta’ Lulju 2007 u kwindi l-procedura hija irritwali peress li l-ittra ufficjali kellha tigi preceduta b’dawn l-avvizi.

Illi fi kwalunkwe kaz, subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, qed issir minn issa referenza ghas-sentenza deciza fl-10 ta’ Jannar 2007, mill-Qorti ta’ l-Appell, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana, per Onor. Imhallef Philip Sciberras, liema sentenza ikkristallizzat il-pozizzjoni legali dwar talbiet ghal hlas ta’ taxxa li jmorru lura oltre t-tmin snin minn meta setghu ntalbu, u cioe` li t-talbiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma palezament preskritti ai termini ta’ l-Artiolu 47 tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi din is-sentenza u l-principji hemm enuncjati ghandhom isibu l-pjena applikazzjoni taghhom anke f’dan ir-rikors.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

Tiddikjara li l-ammonti mitluba fl-ittra ufficjali fuq imsemmija la huma dovuti mir-rikorrent personalment u lanqas mis-socjeta` Macmar Company Limited, u ghalhekk ghal kull buon fini tichad it-talbiet ta' l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni maghmula lir-rikorrent.

B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent u kwalunkwe sottomissjoni ohra fil-mori tat-trattazzjoni tar-rikors odjern.

Rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tas-26 ta' Dicembru 2007 li permezz taghha qieghed jammetti t-talbiet tar-rikorrent u jcedi l-pretensjoni tieghu in vista tas-seba` paragrafu tar-rikors promutur stante l-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrent, filwaqt li ddikjara li ghalhekk il-mertu ta' dan ir-rikors huwa ezawrit.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni da parti ta' l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni, it-talba rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li tilqaghha tiddikjara li l-ammonti mitluba fl-ittra ufficjali fuq imsemmija la huma dovuti mir-rikorrent personalment u lanqas mis-socjeta` Macmar Company Limited, u ghalhekk ghal kull buon fini tichad it-talbiet ta' l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni maghmula lir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------